MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1896/2004

**Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta l-assikurat taghha Giovanna Barbara u l-istess Giovanna Barbara**
**vs**

**John Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta Ottubru 2004 fejn gie mitlub sabiex il-konvenut jigi kkundanat ihallas lill-atturi s-somma ta erba mija u hamsa u ghoxrin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm425.53) dovuta in kwantu ghal LM414.03 bhala danni kagonati fil-vettura ta l-attrici Giovanna Barbara u Lm11.50 prezz ta survey u dana b’rizultat ta incident stradali li sehh fit-22 ta Ottubru 2002 fi triq Nazzjonali Hamrun waqt lil-istess konvenut kien qieghed isuq l-vettura GMY 049 proprjeta tieghu

stess u dahal gol-vettura bin-numru ta registrazzjoni BAT 196 proprjeta ta l-attrici Giovanna Barbara u misjuqa minnha stess ghal liema incident kien unikament responsabbli il-konvenut John Muscat kawza ta imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dawn il-proceduri u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-8 ta Novembru 2004 fejn bazikament huwa qed jikkontesta r-responsabbilita u kwindi d-danni allegatament kagonati lill-attrici fl-incident in kwistjoni u sejjah lill-istess attrici sabiex iggib il-provi tal-istess danni oltre li rriserva favur tieghu d-dritt ta azzjoni kontra l-imsemmija atturi ghal hsarat minnu stess sofferti.

Ra l-provi migjuba mill-partijiet fosthom il-prova tad-danni tramite x-xhud David Debono  u dwar l-incident proprja xehdu l-istess kontendenti u s-surgent PS 1338 Alexander Schembri li hejja r-rapport u skozz relattiv.

Ikkunsidra.

Illi f'dan il-kaz ghandna sitwazzjoni fejn iz-zewg sewwieqa nvoluti qed jallegaw li saqu fuq l-ahdar (Traffic Lights) u ghalhekk il-kwistjoni tal-kredibbilita o meno tal-kontendenti sejra tiehu rwol importanti fil-konsiderazzjonijiet t a dan it-Tribunal.

Illi ghalkemm huwa minnu li l-oneru tal-prova tinkombi fuq l-atturi stante li huma qed iresqu l-allegazzjoni odjerna taghhom liema prova trid tkun soddisfacenti sal-grad tal-bilanc ta probabbilita u ghalkemm huwa minnu wkoll li l-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa huma diametrikament oppost ta xulxin fis-sens illi t-tnejn jallegaw li saqu fuq l-ahdar, wiehed ghandu janalizza ftit aktar fil-fond fuq dak li ntqal u kif intqal sabiex jipprova

jasal ghal decizjoni dwar liema verzjoni hija l-aktar verosimili jew ossia dwar liema verzjoni ma tantx tkun tista tigi meqjusa bhala wahda kredibbli. Illi ta min jinnota wkoll li ma jistax ikun teknikament possibbli (almenu ebda wiehed mill-partijiet ikkontenda tali possibbilita) li z-zewg traffic lights xeghlu l-kulur ahdar fl-istess hin. Ghalhekk hawn ghandna sitwazzjoni semplici fejn sewwieq minnhom hareg fuq l-ahdar filwaqt li l-iehor baqa hiereg fuq l-ahmar (kif tinsab ukoll riflessa fl-istess rapport tal-pulizija esebit fix-xhieda tieghu)  u sta ghal dan it-Tribunal jipprova jasal tali konkluzzjoni mill-provi mressqa quddiemu.

Illi z-zewg sewwieqi qed jallegaw li saqu fuq l-ahdar tat-traffic lights rispettivi taghhom u ghalhekk jidher prima facie li ma ghandniex is-sitwazzjoni kif kontemplata fir-rapport tal-pulizija li l-konvenut forsi seta saq fuq l-ahdar tat-traffic light ta l-attrici ghax ikun tfixkel kif kien qed isir f’kollizjonijiet ohra. Qed jigi rilevat prima facie peress illi t-Tribunal ihoss li proprju hekk gara kif ser jigi osservat aktar il-quddiem u cioe li l-konvenut saq fuq l-ahdar tal-lights tal-attrici li kienu jidhru aktar il-quddiem fuq il-lemin tieghu u mhux fuq il-lights proprja tieghu li kienu fuq in-naha tax-xellug. Difatti kemm mix-xhieda tieghu stess u kif ukoll mill-iskizz esebit il-konvenut kien qed isuq fuq il-karreggjata tan-naha ta barra u mhux dik ta gewwa u kwindi l-lights tal-attrici kienu proprju faccata tieghu filwaqt li l-lights tieghu kienu fuq ix-xellug tieghu fuq in-naha ta gewwa;

Illi ghalkemm iz-zewg sewwieqa jghidu li huma kienu l-ewwel fuq il-lights rispettivi taghhom u li t-tnejn ghamlu xi hin wieqfa peress illi l-lights kienu homor filwaqt li l-attrici tghid li hija saqet wara li d-dawl taghha dar minn ahmar ghal amber ghal ahdar u harget fuq l-ahdar il-konvenut ighid li huwa saq mill-ewwel fuq l-ahdar minnghajr ma qatt ma ra d-dawl tieghu jaqleb minn ahmar ghal amber ghal ahdar – cioe osservazzjoni ferm sinifikanti ghat-Tribunal fil-kaz odjern;

Illi jinghad inoltre li meta l-attrici qalet id-daqqa, hija gia kienet f’nofs it-triq – anzi il-konvenut ighid li l-posizzjoni

tal-vettura taghha kienet sahansitra aktar il-gewwa fit-triq fejn hemm l-iskola milli kif tidher fuq l-iskizz.

Ta min josserva wkoll illi mill-mod kif jinsabu z-zewg t-toroq minn fejn hargu z-zewg vetturi, huwa aktar verosimili li wiehed jibqa ghaddej bid-dritt minn fejn kien gej il-konvenut minnflok minn fejn kienet qed tohrog l-attrici minn speci ta flyover ghal fuq trieq principali;

Illi ta min jinnota wkoll li l-konvenut fl-istqarrija li huwa ta lill-pulizija a tempo vergine ma qalx li l-attrici kienet gejja bis-sahha kif indika fix-xhieda tieghu inoltre huwa jaghti x'jifhem li huwa baqa ghaddej u cioe ma waqafx meta kien qed javvicina l-lights ta ma gemb l-ITC peress li skond hu kienu hodor filwaqt li fix-xhieda tieghu jallega li l-ewwel waqaf ghax kienu homos u mbaghad qala l-barra meta daru hodor. Anke din l-inkonsistenza ghandha sservi biex tirrendi mhux kredibbli l-verzjoni minnu moghtija fuq il-pedana tax-xhieda.

It-Tribunal ghalhekk in vista tal-premess qieghed jaqta u jiddeciedi l-kaz billi filwaqt li qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut jiddikjara li kien l-istess konvenut responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma rikjesta ta' erba mija u hamsa u ghoxrin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm425.53) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta dina l-istanza nkluza tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------